**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Il-Pulizija**

**(Spettur James Grech)**

**Vs**

**Liban Hussein Mohamud**

Illum 15 ta' Frar 2017

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Liban Hussein Mohamud**, ta' 24 sena, iben Liban Hussein Mohamed u Deeqo nee' Abdi Salah, imwieled Mogadishu f' Somalia fl-1 ta' Jannar 1987 u residenti Hal Far Tent Village, Hal Far limiti ta' Birzebbugia, detentur ta' karta tal-identita' 51534(A):

Akkuzat talli nhar it-12 ta' Awwissu 2011 ghal habta tal-00:15 hrs, gewwa l-Marsa,

1. Dolozament bil-hsieb li joqtol lil Mohamed Abdi Abdullahi jew li jqieghed il-hajja tieghu f'periklu car, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta' bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta' tieghu;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, permezz ta' strument li jaqta' u bil-ponta, kkaguna offiza gravi fuq il-persuna ta' Mohamed Abdi Abdullahi kif iccertifikat minn Dr T Armatys MD tal-isptar Mater Dei;

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, bla ordni skont il-Ligi tal-awtorita kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Mohamed Abdi Abdullahi kontra l-volonta' tieghu, u filwaqt ta' l-arrest, zamma jew sekwestru, Mohamed Abdi Abdullahi gie offiz fuq il-persuna jew mhedded bil-mewt;

4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, filwaqt li kien qed jaghmel reat kontra l-persuna kellu fuq il-persuna tieghu xi arma regolari jew imitazzjoni taghha;

5. U finalment akkuzat talli fl-istess, data, hin, lok u cirkostanzi, garr 'il barra minn xi fond jew id-dintorni tieghu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta minghajr ma kellu licenzja jew permess minghand il-Kummissarju tal-Pulizija.

Rat in-nota ta' rinviju ghall-gudizzju mibghuta mill-Avukat Generali li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub taht:

1. fl-artikoli 17, 31, 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. fl-artikoli 214, 216(1)(a), 216(1)(c), 217, 218 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. fl-artikoli 86, 87(1)(c), 88 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. fl-artikoli 55, 56 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta;
5. fl-artikoli 6, 51(7) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat iddikjara li m'ghandux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet ix-xhieda.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-prosekuzzjoni u semghet is-sottomissjonijiet tad-difiza.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat

Illi originarjament l-imputat kien akkuzat b'attentat ta' qtil izda fin-nota tar-rinviju ghall-gudizzju mibghuta mill-Avukat Generali tali imputazzjoni giet eliminata u ghaldaqstant din il-Qorti se tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel imputazzjoni.

Mill-provi prodotti jirrizulta li fit-12 ta' Awwissu 2011 ghall-habta tan-00:30hrs, Il-Pulizija tad-Disrett tal-Belt Valletta gew infurmati li nqala' argument gewwa Xatt il-Mollijiet fil-Marsa quddiem hanut bl-isem 'Tiger Bar' u li waqt dan l-argument persuna ta' nazzjonalita' barranija, li imbaghad irrizulta li kien Mohamed Abdi Abdullahi, kien gie aggredit u qala' daqqiet ta' strument li jaqta' u bil-ponta. Il-Vittma kien ittiehed gewwa l-Isptar Mater Dei permezz ta' ambulanza.

Mill-investigazzjoni li saret irrizulta li quddiem il-hanut imsemmi, mal-art kien hemm diversi taqtir ta' demm. PS1098 Anthony Scerri[1] xehed li meta mar fuq il-post innota sikkina tal-kcina li kellha x-xafra silver, kulur in-nickel, u manku iswed li kienet maqsuma fi tnejn quddiem it-Tiger bar. Gie nnutat ukoll xi demm u xi marki fuq vettura li kienet ipparkjata vicin u ftit 'il boghod mil-lok tal-incident fid-direzzjoni kif ukoll fid-dahla tal-Marsa Open Centre mal-art kien hemm ammont konsiderevoli ta' demm kif ukoll jeans ta' lewn blu, basket tal-plastik u karkur ta' lewn abjad imcappsin bid-demm[2].

Il-Pulizija tad-Distrett bdew jaghmlu ronda fl-inhawi u meta kienu f'Belt il-Hazna nnutaw zewg persuni maskili ta' karnaggjon skura. PC 202 Jesmond Grech[3] xehed li s-Surgent u huwa nnutaw zewg persuni li kienu telghin id-direzzjoni lejn il-Furjana li mhux soltu dak il-hin u x'hin avvicinawhom u waqfuhom indunaw li kellhom xi demm mal-hwejjeg taghhom u wiehed minnhom kellu qatgha u demm hiereg minn idejh. Ghalhekk arrestawhom u haduhom l-ghassa tal-Belt ghal aktar stharrig. Dawn iz-zewg persuni kienu l-imputat u Issaq Omar Mohammed.

Mix-xhieda tal-ufficjali tas-sigurta' gewwa c-Centru Miftuh tal-Marsa[4] jirrizulta li ghall-habta ta' nofsillejl, Mohamed Abdi Abdullahi resaq lejn il-kancell tac-Centru sabiex jidhol gewwa u malli intalab jurihom l-police card tieghu skont il-procedura, kellimhom hazin u telaq. Ftit minuti wara huma semghu hafna hsejjes u malli ttawlu raw lill-istess Mohamed Abdi Abdullahi mal-kancell mimli demm u ghalhekk cemplu lill-ambulanza. Dawn l-ufficjali ma raw xejn li jista' jitfa' dawl fuq kif sehh il-feriment.

Illi fix-xhieda tieghu Mohamed Abdi Abdullahi[5] xehed li fid-data tal-incident kien f'bar fil-Marsa u kien hemm ukoll l-imputat. L-imputat talbu biex jixtrilu x'jixrob u l-parte leza rrifjuta. L-imputat hareg u mar quddiem il-bar. Mohamed Abdi Abdullahi hareg ukoll mill-bar u l-imputat beda jiggieled mieghu flimkien ma' tlieta ohra. L-incident sehh quddiem it-Tiger bar hdejn ic-Centru Miftuh tal-Marsa. Bdew jiggieldu mieghu u l-imputat tah daqqiet ta' sikkina. Xehed li huwa ghall-ewwel beda jiggieled mal-imputat u imbaghad it-Tlieta l-ohra zammewlu jdejh

[1] Seduta tat-30 ta' Novembru 2011
[2] Ara rapport tal-espert Perit Richard Aquilina
[3] Seduta tal-11 ta' Jannar 2012
[4] Peter Magro u Raymond Callus
[5] Seduta tas-6 ta' Settembru 2011

wara dahru u l-imputat tah daqqiet bis-sikkina. Tah hames daqqiet, darba f'sidru u erba' darbiet f'dahru. Wara li waqa' mal-art it-tlett Somali l-ohra bdew jaghtuh bis-sieq. Kif kien mal-art l-imputat rega' pprova jaghtih daqqa b'sikkina imma hataflu s-sikkina b'idu u kissirha billi qabad is-sikkina mill-parti tax-xafra. Huwa ma jafx x'sar mis-sikkina u mill-manku. Ix-xafra kienet lewn il-fidda. Huwa jaf lill-imputat billi kienu jghixu flimkien f'Hal Far. Huwa fl-ahhar qal li jahfer lill-imputat talli ghamillu.

Fl-atti tal-inkjesta[6] xehed ukoll Ali Mahmoud Hussein li xehed li l-vittma kien flimkien ma' erba' persuni ohra fejn f'hin minnhom ra lil wiehed minn dawn il-persuni jixhet flixkun tal-hgieg lill-vittma li min-naha tieghu ghamel ghalih u spiccaw jiggieldu fl-art. Wara li gew mifruda minn xi persuni li kienu fuq il-post, il-vittma mexa lejn ic-Centru Miftuh u huwa u jaghmel dan marret persuna ohra fuqu minn waraj, zammitu minn sidru, ressqu lejh zewg persuni ohra li wiehed minnhom kellu sikkina f'idu u tawh diversi daqqiet. Il-vittma waqa' mal-art u sakemm kien fl-art ighajjat li kien se jmut, il-persuna li qabditu l-ewwel eda jzomm siequ fuq ras il-vittma sabiex izommu milli jiccaqlaq filwaqt li l-persuni l-ohra komplew jaghtuh. Dan ix-xhud stqarr li l-persuna li wzat is-sikkina fuq il-vittma kien proprju Liban Hussein Mohamud.

Xhud iehor li tressaq huwa Issaq Omar Mohammed[7] li qal li kien gie mitkellem mill-pulizija rigward incident li sehh fit-Tiger bar. Huwa kien bilqeghda ghal rasu f'dan il-bar u osserva li kien hemm bilqeghda wkoll l-imputat flimkien mal-vittma. Ghall-ewwel dawn it-tnejn kienu qeghdin jitkellmu bejniethom izda wara ftit bdew jiggieldu fil-bar. Is-sid tal-bar qal lin-nies biex johorgu 'l barra u ghalaq il-bar. Il-glieda kompliet barra. Ix-xhud beda jipprova jifridhom. F'hin minnhom induna li kellu qatgha f'idejh u ghalhekk harab minn fuq il-post. Huwa qal li ma jafx kif gietu l-qatgha f'idejh billi dak il-lejl huwa kien xorob hafna. Huwa sostna li rahom jiggieldu bl-idejn u ma ra l-ebda sikkina. Kif wasal il-Furjana wara li harab minn fuq il-post induna li l-imputat kien warajh u ghalhekk il-pulizija sabuhom flimkien.

L-imputat jichad li huwa ta bis-sikkina lil Mohamed Abdi Abdullahi. Fl-istqarrija tieghu huwa jghid li kien fit-Tiger bar u hekk kif kien barra l-Bar xi hadd mar fuqu u beda jiggieled mieghu izda huwa ma jafx ghal liema raguni ggieled mieghu. Jghid li meta sabuh il-pulizija hwejjgu kienu mcappsin bid-demm billi min iggieled mieghu weggghu fuq xufftejh u beda hiereg id-demm. Huwa kompla li huwa hallas lil dan l-individwu darbtejn birra izda mat-tielet darba rrifjuta. Huwa xehed bil-gurament u kkonferma l-istqarrija tieghu. Jixhed li huwa kien flimkien ma' tlett persuni ohra li kien ghadu kif iltaqa' maghhom. Jghid li qatt ma ra sikkina f'dan l-argument li kellu.

[6] Issir referenza ghall-artikolu 550 tal-Kodici Kriminali

[7] Seduta tat-30 ta' Novembru 2011

**L-ewwel imputazzjoni fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju**

Illi abbazi tal-provi kollha prodotti din il-Qorti ssib illi l-imputat ghandu jinstab hati tal-ewwel imputazzjoni. Il-versjoni moghtija mill-parte leza hija ferm aktar kredibbli u d'altronde' hija wkoll korroborata minn xhud iehor prodott kif ukoll mill-provi. Mohamed Abdi Abdullahi xehed b'mod car ta x'wassal ghall-argument bejnu u l-imputat u li l-istess imputat tah hames daqqiet bis-sikkina waqt li tlett persuni ohra kienu qeghdin izommuh. Fil-fatt irrizulta li l-parte leza qala' hames daqqiet ta' sikkina. Il-vittma kompla li wara li waqa' mal-art it-tlett Somali l-ohra bdew jaghtuh bis-sieq u waqt li kien mal-art l-imputat ipprova jaghtih bis-sikkina izda huwa rnexxilu jaqbadlu s-sikkina u qasamha b'idejh. Huwa ddeskriva b'mod car hafna s-sikkina kif kienet maghmula u tali deskrizzjoni tikkombacja precizament mar-ritratti li ttiehdu tas-sikkina li nstabet fuq il-lok tal-incident ftit 'il boghod mit-Tiger Bar minn liema ritratti jirrizulta wkoll li tali sikkina kienet maqsuma. Mohamed Abdi Abdullahi gharaf lill-imputat bhala l-persuna li tah bis-sikkina. L-imputat ma jistax jitwemmen li l-argument kien biss bl-idejn ghaliex m'hemm l-ebda dubju li ntuzat sikkina f'dan l-argument tenut kont tal-griehi sofferti minn Mohamed Abdi Abdullahi. D'altronde' ma sar l-ebda kontro-ezami tax-xhieda tal-vittma u x-xhieda tieghu lanqas ma giet kontradetta minn provi ohra prodotti.

Inoltre' x-xhud Ali Mohamed Hussein xehed li l-vittma kien flimkien ma' erba' persuni ohra fejn f'hin minnhom ra lil wiehed minn dawn il-persuni jixhet flixkun tal-hgieg lill-vittma. Il-vittma ghamel ghalih u spiccaw jiggieldu fl-art. Gew mifruda minn xi persuni li kienu fuq il-post, Mohamed mexa' lejn ic-Centru Miftuh u huwa u jgahmel dan, marret persuna minn warajh, zammitu minn sidru, resqu lejh zewg persuni ohra li wiehed minnhom kellu sikkina f'idu u tawh diversi daqqiet. Meta l-vittma waqa' mal-art u sakemm kien fl-art il-persuna li qabditu l-ewwel beda jzomm siequ fuq ras il-vittma sabiex izommu milli jiccaqlaq filwaqt li l-persuni l-ohra komplew itugh. Huwa gharaf lill-imputat bhala l-persuna li wzat is-sikkina fuq  Mohamed Abdi Abdullahi.  Lanqas ghalhekk huwa kredibbli x-xhud l-iehor prodott Issaq Omar Mohammed li huwa l-persuna li nstab mal-imputat. Jirrizulta li l-istess xhud sofra wkoll xi griehi (ghalkemm l-imputat mhux akkuzat li kkawza tali griehi) li kienu lacerazzjoni fis-swaba t'idu l-leminija. L-espert nominat Dr Mario Scerri[8] irrelata li tali griehi jigu kklasifikati bhala defensive injuries w allura t-tezi tal-imputat imressqa waqt it-trattazzjoni li seta' kien dan il-persuna li fferixxa lill-vittma ma tistax tregi ghaliex hu evidenti mill-griehi li dan il-persuna kien qieghed jipprova jferraq. Inoltre' l-fatt li ma nstabu l-ebda impronti tajbin ghall-komparazzjoni fuq is-sikkina ezebita lanqas ma jwassal ghal-liberatorja tal-imputat.

Illi inkwantu ghall-griehi sofferti minn Mohamed Abdi Abdullahi jirrizulta li huwa sofra griehi ta' natura gravi stante li d-daqqa li kellu fuq sidru kienet nifdet il-

[8] A fol 128 tal-process

kavita'. Dan jirrizulta mic-certifikat rilaxxat minn Dr T Armatys[9], li gie ccertifikat mill-istess tabib bil-gurament[10]. Il-vittma qatt ma kien fil-periklu tal-mewt. Inoltre' l-espert Dr Mario Scerri fir-rapport tieghu[11], wara li ezamina lill-istess vittma, ikkonkluda li l-lezjonijiet deskritti fuq il-persuna ta' Mohamed Abdi Abdullahi kienu lezjonijiet maghmulin minn strument bil-ponta u li jaqta' min-naha wahda, kienu aktar twal milli fondi u ghalhekk ikklasifikati bhala incizjonijiet. Illi l-lezjoni [E] kienet aktar fonda milli twila, ppenetrat il-kavita' toracika u kkagunat *pneumothorax* u ghalhekk ikklasifikata bhala lezjoni ta' natura gravi.

Ghalhekk jirrizulta li l-feriti sofferti mill-vittma saru bi ksur tal-artikoli 216(1)(c) u 217 tal-Kodici Kriminali.

**It-tieni imputazzjoni fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju**

Fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali l-artikoli indikati huma l-artikoli 86, 87(1)(c) u 88 tal-Kodici Kriminali. Fis-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Dominic Bonnici[12]** intqal:

*"L-artikolu 86 tal-Kodici Kriminali umbaghad jghid li jkun hati tar-reat ta' sekwestru ta' persuna : "kull min, bla ordni skond il-ligi ta' l-awtorita' kompetenti , u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, jarresta, izomm jew jissekwestra lil xi persuna kontra l-volonta' taghha jew jaghti l-post biex fih din il-persuna tigi arrestata, mizmuma jew issekwestrata…"*

*Illi l-**Professur Sir Anthony Mamo** (Notes on Criminal Law [1953 edit.] [Part. II p. 40]) meta ikun qed jittratta l-element materjali tar-reat in kwistjoni jghid :-*

*"the words "arrest" "detention" and "confinement" are not synonymous: each indicates a special manner in which an attempt can be made on personal liberty : "Il reato preveduto nell'articolo 169 (our Section 86) esiste sia quando alcuno si fermi nel mentre che agisce o camina ; sia quando si faccia rimanere suo malgrado in quell luogo ove si trova ; si quando finalmente si trasporti da un luogo ad un altro." (ROBERTI – ibid , para 323) …Thus a person may be arrested without being incarcerated or confined in any place ; or may be detained in his own house without having been previously arrested."*

---

[9] A fol 13 tal-process.

[10] Seduta tad-19 ta' Ottubru 2011

[11] Dok MS a fol 128 et seq tal-process

[12] Qorti Kriminali deciza fil-5 ta' Jannar 2004

Mill-provi prodotti rrizulta li Mohamed Abdi Abdullahi inzamm l-ewwel minn sidru u mbaghad mal-art bil-forza u kontra l-volonta' tieghu minn tlieta min-nies li kienu mal-imputat u dan sabiex l-istess imputat seta' jaghti lill-vittma d-daqqiet tas-sikkina li b'konsegwenza taghhom garrab griehi ta' natura gravi. Huwa evidenti li dan kollu sar bil-partecipazzoni attiva tal-istess imputat.

Ghalhekk anki din l-imputazzjoni giet ippruvata.

**It-tielet u r-raba' imputazzjonijiet fin-nota tar-rinviju ghal-gudizzju**

Illi rrizulta bla ebda dubju li l-imputat agredixxa b'sikkina lil Mohamed Abdi Abdullahi u kkagunalu griehi ta' natura gravi.

Fir-rigward tal-pussess ta' sikkina minghajr licenza tal-Kummissarju tal-Pulizija dan gie kkonfermat minn WPC 191 M. Borg[13] li huwa fil-gurnata li sehh ir-reat l-imputat ma kellux licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija biex izomm tali arma.

Illi inkwantu ghall-piena din il-Qorti qeghda tiehu in kunsiderazzjoni n-natura u l-gravita' tar-reat, ic-cirkostanzi tal-kaz u l-fedina penali tal-imputat. Il-Qorti tqis li f'dan il-kaz ghandha tikkundanna lill-imputat ghall-piena karcerarja effettiva u dan billi din l-aggressjoni kienet wahda serja u li inqalghat fuq kwistjoni verament futili.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel imputazzjoni fic-citazzjoni, wara li rat l-artikoli 17, 31, 86, 87(1)(c), 88, 214, 216(1)(c) u 217 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll l-artikoli 6, 51(7) u 55(a) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet l-ohra kollha migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal erba' snin prigunerija u ghal multa fl-ammont ta' €116.47. L-imputat ma nstabx hati li kkaguna ferita gravi a tenur tal-artikolu 216(1)(a) u 218 tal-Kodici Kriminali billi rrizulta li l-ferita kkagunata kienet taqa' fil-parametri tal-artikolu 216(1)(c ) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

B'applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Mata tikkundanna lill-hati jhallas l-ammont ta' erbat elef sitt mija u hames euro u sebgha u hamsin centezmu (€4,605.57) rapprezentanti hlas ta' esperti nominati. F'kaz li l-hati ma jhallasx dan l-ammont fl-intier tieghu jew f'kaz li jifdal bilanc l-ammont li jibqa' dovut jigi konvertit fi prigunerija skont il-ligi.

[13] A fol 48 tal-Process

A tenur tal-artikolu 56 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta’ Malta l-Qorti tordna l-konfiska tas-sikkina ezebita.

Dr Josette Demicoli LL.D
Magistrat